" FL - ISTAZZJON TAL-FERROVIJA "

RADJODRAMM

TA'

CHARLES ATTARD.

" FL 2 ISTAZZJON TAL-FERROVIJA "

RADJUDRAMM

TA'

CHARLES ATTARD.

JIEHDU SEHEM:

| | | |
|---|---|---|
| PAWLU | ... | . . . . . . . . |
| MARIA | ... | . . . . . . . . |
| MARKU | ... | . . . . . . . . |
| PORTER | ... | . . . . . . . . |
| RAĠEL | ... | . . . . . . . . |

M A L T A.

1 9 6 8.

" FL-ISTAZZJON TAL-FERROVIJA "

RADJUDRAMM ADDATTAT GHAX-XANDIR MINN

CHARLES ATTARD.

MUŻIKA: . . . . . . . . . . . . . . . F/OUT.

F/X: (Hoss ta' tisfir ta' ferrovija qiegheda titbieghed mill-istazzjon. Passi jigru ta' tnejn minn-nies.)

Pawlu : Isa, Maria...Heffef... Nahseb li tlifnieh....

Maria : X'wahdadin!...

Pawlu : Igri...igri....

(Il-ferrovija qieghedá dejjem titbieghed.)

Ma lhaqniehx, Maria.... Wasalna tard.

Maria : (B'nifisha maqtugh) Issa, x'se' naghmlu?

Pawlu : (B'nifsu maqtugh ukoll) Ikkalma....Ikolna nistennew ta' warajh.

Maria : Idum ma jasal?

Pawlu : Ma nahsibx...Issa nistaqsu.

(Passi ta' bniedem qieghed jigri. Jieqaf.)

Marku : (Boghod mill-Mik:) Telaq? Ma lhaqniehx???

Pawlu : Ghal ftit sekondi.

Marku : (Iddisappuntat ghall-ahhar) Paċenzja.

Maria : Pawl, staqsi l-iehor x'hin jasal.

Pawlu : Ara, gej il-Porter...nistghu nistaqsu lilu.

Marku : Iva, iva...

Pawlu : Mr. Taf tghidilna x'hin jasal it-tren ta' Milan?

Porter: Ghadu kemm telaq, sinjuri... L-iehor ma jaslx qabel siegha ohra.

Marku : (Beżghan) Kif? Siegha ohra? M'hemmx xi iehor li jitlaq qabel?

Porter: Bhall-issa, ghal Milan, wiehed biss hawn, sinjur.

Marku : Kif sejjer naghmel? Ma nistax nistenna daqshekk...Tassew ma nistax.

Porter: Jisghobbija, sinjur...mhux htija tieghei, hux veru?

Pawlu : X'hin ghedt li jitlaq l-iehor?

Porter: Daqs siegha ohra...Jitlaq fil-hamsa u ghaxra.

Marku : Imisshom akter spissi...Imbieghedin wisq wiehed mill-iehor.

Porter: (Xebghan) Insellmilkom, sinjuri.

Maria : Pawl, ghejjejt bilwieqfa.

Pawlu : Oqghod fuq dal-bank, ghażiża tieghi... strieh...strieh.

Marku : (imdejjaq) Siegha ohra... Min se' jasbbarni dal-hin kollu?

Pawlu : Mita naslu Milan ikun sebah sewwa.

Maria : Inhossni mejta bin-nghas.

Marku : Ma xtaqtx nivvjagga bil-lejl...Ma stajtx naghmel iehor.... Ma stajtx....

Pawlu : Nghid ghalija, ahjar nivvjagga bil-lejl...Niffranka l-hin u fuq kollox, fuq it-tren ma jkunx hemm dawk il-folol li jkun hemm bin-nhar.

Maria : Sinjur, serrah minn dik il-bagalja....

Pawlu : Tassew dik se' tghajjik jekk tibqa' iżżommha f'idek sa siegha ohra.

Marku : Ma jimpurtax...ma jimpurtax...Bil-lejl, wiehed jivvjagga ahjar...ftit li xejn ikun hawn nies...Iva, il-lejl hu ghal dawk li jhobbu jivvjaggaw fil-kwiet.

Pawlu : Noffrilek sigarrett?

Marku : Nehodlok wiehed...gentili hafna... Ghandek sulfarina?

Pawlu : Iva...Hawn, qabbad.... (Jinstema' jixhgel sulfarina).

Marku : Jien, bniedem metikulus hafna...Filghodu, inqum fis-sitta u fis-sebgha u nofs inkun l-ufficcju. Niekol f'nofs-in-nhar u fl-ghaxra ta' bil-lejl, inkun fis-sodda. Dejjem l-istess hajja...Erbatax il-sena...dejjem l-istess..Jien, ftit ivvjaggajt.

Pawlu : Int ukoll sejjer Milan?

Marku : Milan? Iva, Milan... Imbaghad, mihh hemm x'aktarx ghall-Isvizzera jew Franza.

Pawlu : Is-sena kollu kwiekeb...Arja kiesha u ninsabu ga fir-Rebbiegha. Minjaf? Nahseb li l-Istaguni wkoll qieghdin jitilfu rashom.

Marku : Negozju, habib?

Pawlu : X'igifieri?

Marku : Sejjer Milan, ghan-negozju?

Pawlu : Iva. PAUSA

Marku : Tghid, indumu ma naslu,xejn?

Pawlu : Xi hames sieghat. Kieku ma tlifniex l-ahhar tren, kieku konna naslu ghal x'id-disgha.

Marku : Il-hinijiet tidher li tafhom tajjeb.

Pawlu : Nivvjagga sikwiet. Jaqaw, int, qatt ma kont Milan?

Marku : Qatt. Int kont kemm il-darba, hux tassew?

Pawlu : Iva, gie li kont.

Marku : Tidher...tidher li jvvjaġġajt ħafna...Imbierek minn hu bħalek, imma, issa, jien ukoll nista' nivvjaġġa u nixxala. Issa, jekk irrid, nista' nara d-dinja...ngħix ta' bniedem. F'għomri, qatt ma mort imkien. Sallum, għext bħall-annimal magħluq f'gaġġa...Issa irrid nimraħ...irrid indur, niddeverti...nagħmel dak li s'issa qatt ma stajt nagħmel...u t-tajjeb hu li f'Milan ma jafni ħadd..Ma naf lil ħadd.

Pawlu : F'Milan m'hemmx għalfejn ikollok ħbieb. Milan hija Belt sabiħa...Ġmielha jġagħlek tobgħod il-ħbieb...Dawn itelfuk, ma jħallukx titpaxxa bis-sbiħija tagħha...il-ħbieb jdawrulek rasek u jġagħluk taħseb fit ħwejjeġ fierha. Jien, lil-ħbieb naħrabhom...Ma rrid irbit ma' ħadd...Jien bħalek, f'Milan ma naf lil ħadd.

Marku : Qed nifmek...qed nifhmek tajjeb.

Pawlu : X'fhimt? Tista' tgħidli?

Marku : Ma rridx nistaqsi aktar milli jmissni...Jaqaw qiegħed fil-honeymoon?

Pawlu : (Wara pawsa) Iva. Fil-honeymoon.

Marku : Ħsiebtu jien. Mita wieħed ikun jixtieq il-kwiet..... Nixtiqilkom kull-risq u hena....

Pawlu : Niżżikhajr...M'hix tisimgħek...raqdet.

Marku : Miskina...Minjaf kemm hi għajjiena...Iċ-ċerimonja tal-Knisja, it-tieġ, il-preparamenti...l-eċċitament...il-firda mill-ġenituri...dawn huma affarijiet li jgajjuk. Ninsab ferħan li ltqajt magħkom...Jgħidu li l-għarajjes friski iġibu r-risq.

Pawlu : Raqdet fil-fond. Aħjar...b'hekk il-ħin ma taraħx.... Jgħaddi aktar malajr.

Marku : Beħsiebkom tibqgħu f'Milan? Jew se' terġgħu lura? Stenna...Ħalli nara naqtgħax.

Pawlu : Ma jimpurtax...M'hemmx għalfejn toqgħod tħabbel rasek... M'hemm ebda mportanza.

Marku : Ma tridx tgħidli mnejn intom?

Pawlu : Int, mnejn int? Mnejn ġej? Beħsiebek terġa' lura? Mita? Jien ukoll naf nagħmillek mistoqsijiet bħal dawn.

Marku : Fhimtek. Aħfirli....Kurjuż wisq. Qalbi sewda...Karattru tiegħi...karattru li ma tantx tifhmu malajr...raġel, biex ngħid hekk bla sens....

Pawlu : M'hemmx għalfejn iġġibha bi kbira. Forsi kont xi ftit goff miegħek, hux tassew? Nitlob skuża jien ukoll u issa, ninsew dak li għedna.

Marku : Niżżikhajr.

Pawlu : Int, miżżewweġ?

Marku : Le, le....

Pawlu : Dan, għadek tista' tagħmlu.

Marku : Fl-eta' li għandi, iż-żwieġ ma jgħoddx għalija.

Pawlu : Qieghed tghaggiba...M'intix xi wiehed xieh.

Marku : X'imdaqqiet, l-ghajnejn jaraw haġa b'ohra. Naraw ghandekx hila taqta' kemm il-sena ghandi.

Pawlu : U kemm jista' ghandek? Hamsin?

Marku : (Iffastidit) Hamsin???

Pawlu : Riedt nghid bejn l-erbghin u l-hamsin.

Marku : Dak li ghedt l-ewwel jghodd. Habib, jien nghodd erba' u erbghin sena. Il-hajja kienet kiefra wisq mieghi... Niket, tbatija, cahda ta' kull-haġa li thenni lil-bniedem. Emminni, sahti tliftha, nahdem minn filghodu sa filghaxija. Kont qisni annimal...issa, issa tajtha ghan-negozju u dan iffavorieni...nista' nghid li jien ġa ghani....Iva, dan nista' nghidu bla ebda biża...Ic-Cahda, issa, m'ghandha ebda setgha fuqi....Qieghed narak thares lejn hwejjġi... Hwejġi ma jfissru xejn...mita hkun qieghed nivvjaġġa, nilbes l-aghar hwejjeġ li ghandi....Naf, naf...din hija drawwa ta' dari...drawwa tal-xehha...drawwa li ghalmitieli ommi. (Pawsa) Iva, ommi sa minn mindu kont ckejken.... Habib, se' noqghod ftit bilqieghede.

Pawlu : Tista' toqghod fuq dal-bank, hdejn il-bagalji....

Marku : Jekk irrid, issa, nista'....

Pawlu : X'tista'? Kompli....

Marku : Nista' niżżewweġ....

Pawlu : U sgur.

Marku : Qabel kont naraha bi kbira, imma issa...Illum ghandi l-flus...illum inhossni bniedem iehor...Iż-żwieġ minn dejjem xtaqtu...Kont u ghadni nohlom bieh...Niftehemu, jien qatt m'urejt lil hadd b'dan, imma mieghek...żewġt-irġiel, nistghu nitkellmu car....X'uhud minn-nisa, twal, żnelli, eleganti, tarhom dehlin it-Talkies, ihajruk... Tista' tahseb kif nikolhom bil-hars...Bejni u bejn ruhi kont nghid...Flus...Flus...Kieku kelli l-flus...Illum xort'ohra...illum nghid, Bil-Flus taghmel triq fil-bahar. Sewwa qieghed nghid? Illum, b'dawn.....

Pawlu : (sorpriż) Bli ghandek f'dik il-valiġġa?

Marku : (Beżghan) Le, le... ~~[illegible]~~... il-kelma jġġib hekk. Fuqi ma nżommx flus wisq...kemm, kemm niddobba.

(Tinstama' tisfira ta' ferrovija riesqa fil-qrib)

Maria : (Ferhana) Wasal, Pawl?

Pawlu : Le, dan mhux taghna...Ghad baqaghlna x'nistennew... M'ilniex hawn akatar minn ghaxar minuti.

Marku : Hamsin minuta ohra, mita sejrin jghaddu?

Pawlu : Maria, taf xejn li xbajt wieqaf ...Ejja naghmlu żewġ passi.

Maria : Iva, ahjar..... (Passi) Pawl, x'ġara?

Pawlu : Xejn, ghażiża tieghi...Issuffara tal-ferrovija qajmiltek. Ghajnek marret bik.

Maria : Emminni, anqas naf...Pawl, qieghda nhossni beżaghna.

Pawlu : Beżghama? Mniex?

Maria : Deherli li smajt lil xi ħadd isejjaħli. Int ma smajtux?

Pawlu : Kont qiegħeda toħlom...Taf li qiegħeda tirtogħod? Ikkàlma, Maria...Ftit ieħor t-tren tagħna ikun hawn....

Maria : Iva, iva, naf....

Marku : Ftit inqas minn ħamsin minuta oħra.

Maria : Kważi siegħa oħra....Għad baqagħlna ħafna x'nistennew.

Marku : Ngħid għalija, inħossni bla sabar...Ma kienx mument li tlifna t-tren...Min jkun bħali ma jistax jitlef żmien... In-negozju ma jistenniex...M'hemmx agħar milli wieħed jistenna...Intma tistax tifhem....Qiegħeda mal-maħbub tiegħek...m'għandekx minn jiġri warajk.

Maria : Xi trid tfisser?

Marku : Jien? Xejn, xejn... Anqas jien m'għandi min jiġri warajja...Ma riedt infisser xejn...Frażi li nużaħha ta' sikwiet.

Pawlu : Maria, ejja oqgħod bilqiegħeda.... Tpejjep, Sur?

Marku : Noħodlok wied, grazzi. Sinjura, ma jimpurtax jekk inpejjep, hux tassew?

Pawlu : Le, le... x'imdaqqiet hi tpejjep ukoll. Sewwa qiegħed ngħid, Maria?

Maria : Iva, iva...Tista' tpejjep.

Marku : Grazzi, gentili...obbligat.... Mita tkun tistenna, trid tgħaddi z-zmien f'xi ħaġa...Wieħed iqarraq biż-żmien. Hekk hu...Tqarraq biż-żmien....

(Jinstama' tren għaddej)

Sur, tista' tgħidli x'ħin hu?

Pawlu : It-Tlieta u ħmistax il-minuta.

Marku : Għalhekk qabadni n-ngħas...M'inix imdorri noqgħod imqajjem daqshekk...L-aħjar ħaġa li nagħmlu, nieħdu ngħasa lkoll.

Pawlu : Jaqaw, trid titlef it-tren l-ieħor wkoll?

Marku : Għandek raġun...Kont insejt...Hekk jonqos ukoll...nerġgħu nitilfu t-tren, imbagħad ikun jaqblilna nieħduha bil-mixi.

Maria : Pawl, tħarisx għall-issa....Quddiemna hemm raġel ~~bilqiegħa~~ bilqiegħeda fuq bank...qisu statwa tal-ġebel...mindu ġejna ma tħarrek xejn.

Pawlu : Minn hu?

Maria : Ma nafx. Ħares issa...Osservaħ tajjeb.

Pawlu : Iva....raġel bilqiegħeda, bastun bejn idejh...qisu statwa kif għedt int u ma' ġenbu, mindut fuq l-istess bank, hemm tfajjel rieqed.

Marku : X'ħemda!... Sikta tal-oqbra...Stazzjon tal-ferrovija, bil-lejl, iġagħalek tistkerrħu...Sewwa qed ngħid?

Paelu : Tgħid minn hu dak ir-raġel?

Marku : Anqas kont intbaħt bieh.

Pawlu : Kont qed tgħidli xi ħaġa?

Marku : Kont qiegħed ngħid li l-Istazzjon tal-Ferrovija, bil-lejl, iġagħlek tiskerhu.

Maria : Pawl, rajtu sewwa?

Pawlu : Iva. Xi vjaġġatur komuni...Qiegħed jistenna t-tren bħalna.

Marku : Skużi...Taf li osservajtu jien wkoll?

Pawlu : X'iġifieri?

Marku : Ħarstu inħossha tinġazzani...

Maria : Iva!... Jien ukoll, kull mita nħares lejh, inħoss demmi jieqaf fil-vini...Niksaħ... nirtogħod.

Marku : Ħaġa kurjuża...Kif ħarist lejh, tkexkixt...Għajnejh kienu cassi fuqi.

Maria : Int ukoll?

Marku : Iva!..Għaliex?

Maria : Għaliex jiena wkoll...l-istess bħalek...Mita ħarist lejh, sibtu b'għajnejh imsammrin fuqi.

Pawlu : Nista' nkun naf x'intom tewdnu?

Maria : (B'leħen baxx) Pawl, dak ir-raġel qiegħed iħares lejna...lejna t-tnejn.

Marku : Ma fhimtekx, sinjura....

Pawlu : Xejn, xejn... Dak għandu l-jedd li jħares lejn min irid.. x'nindaħlu aħna?

Maria : Aħfirli, Pawl... Qiegħeda nħossni nervuża.

Pawlu : Ikkalma, Maria...Strieħ... erġa' ħu nghasa oħra...Mita jasal it-tren inqajmek.

Marku : Il-vjaġġar bil-lejl, inħossu iqanqal fija emozjoni... Dawk il-linji tal-ħadid ileqqu milqutin mid-dwal, aħmar, aħdar u isfar...l-ilħna tal-passiġġieri...l-irqad ħażin fil-vagun...il-qawmien kmieni...id-damdun tal-ferrovija jirbombja f'xi mina twila...affarijiet li mita kont ckejken, kienu iferrħuni...Dak iż-żmien kien xort'oħra... kont ħieni...moħħi kien safi...ma kellu ebda ħsieb itaqqlu Kont nivvjaġġa fil-bogħod ma' ommi...Kienet tilbes l-iswed Kienet armla, imbagħad din, mietet ukoll...Kieku għadha ħajja, bħall-issa ma naħsibx li nindab hawn...Ma kont nasal qatt biex....(Jinfexx jidħaq) Jien ngħid wisq, ~~kmxxkmmmmwx~~ Qiegħed indejjaqkom, hux tassew? Aħfruli.

(Fil-bogħod jinstemgħu xi vaguni mixjin)

Maria : Dan,x'ħoss hu?

Pawlu : Xi vaguni tal-merkanzija...Xi tridu jkun?

Maria : Dak ir-raġel għadu hemm...Għajnejh ma qalagħhomx minn fuqna.

Maria : U ħallieh...tagħtix każ tiegħu.

(Jinstemgħu ħsejjes ta' martell fuq ħadid)

Maria : Qiegħed tisma'?

Pawlu : Qiegħdin jittestjaw xi roti.

(Il-ħoss tal-martell issa jimbidel f'ħoss ritmiku, li jdejjaq, ossessjonanti. Il-ħoss jieqaf)

Pawlu : Maria, jaqaw qiegħeda tħoss il-bard? Tridx il-gleġġ tiegħi?

Maria : Le, m'hemmx għalfejn...Kif jien imgezza miegħek, qiegħeda tajjeb.

Marku : Aħfruli...X'ħin sar?

Pawlu : It-tlieta u nofs.

Marku : Grazzi.

Maria : Il-ħin m'hu jgħaddi qatt.

Marku : X'lejl irqad tlifna.

Pawlu : Pacenzja... Fid-dinja trid tieħu pacenzja. (Pawsa)

(Mill-ġdid jinstemgħu daqqiet fuq il-ħadid. Wara ftit jieqfu)

Maria : X'ħin hu Pawl?

Pawlu : It-tlieta u ħamsa u tletin minuta.

(Jinstama' għajjat ~~ta' baqar~~. Skiet. It-tren tal-Merkanzija, jinstama' jirranka, imbagħad jidbiegħed.)

Maria : Pawl.....

Pawlu : Għid;i, Maria.

Maria : Milli qiegħed nara, dak ir-raġel li hemm biswitna, qiegħed jinkwietak.

Pawlu : Lili?

Maria : Iva...Osservajtek...sikwiet qiegħed tħares lejh.

Pawlu : Ħarstu ma qalagħhiex minn fuqna.

Marku : Tgħid, x'irid minna? Lili wkoll qiegħed idejjaqni.

Maria : Minjaf min hu....

Pawlu : Għaliex il-ħin kollu jħares lejna? X'irid?

(Taħbit mill-ġdid duq il-ħadid) (Jieqfu)

Marku : Niftakar, mita kont tifel u ommi kienet tħares lejja b'dik il-ħarsa, għaliex inkun għamilt xi ħaġa ħażina, kont niġri lejha, nitlobha taħfirli....F'għajnejja, ommi, kienet taqra għemili.

(Tlieta jew erba' daqqiet ta' martell fuq il-ħadid)

Pawlu : Dan, aħna, m'għandniex għalfejn nagħmluh...Jaħseb li rridu naħarbu minnu.

Maria : (B'leħen aktarx baxx) Naħseb li jaf li....

Pawlu : Tgħidx ħmerijiet....

Maria : Isma minni... Ejja mmorru minn hawn.

Pawlu : Jeħtieġ li nibqgħu hawn...Għedtlek dan, aħna m'għandniex g għalfejn nagħmluh.

Marku : Għandek raġun...jien ukoll...ħarstu ma niflaħx insoffriha iżjed.

Maria : Sejra, Pawl....

Pawlu : Fejn sejra? Mela qiegħeda tiġġennen? Maria!...Ejja l-hawn!....

Maria : Le!...

Pawlu : (Mgħaddab) Fejn sejra? Jaqaw tak xi ħmar il-lejl?

Maria : Qed' inħossni mwerwra.... Ma nafx għaliex....

Pawlu : Tkunx belgħa.... Mniex qiegħeda tibża?

Maria : Ma nafx... Dak ir-raġel irid xi ħaġa minni.

Pawlu : Ara, Maria...ikkalma daqxejn...Tista' tgħidli mniex għandek tibża? Isa, wiġibni...mniex?

Maria : Ġa għedtlek...ma nafx.

Pawlu : Qiegħeda tara kemm int belgħa? Int stess ma tafx...Ejja oqgħod bilqiegħeda...dawn kollha ħmerijiet...Sewwa qed ngħidilha, Sur? Ipperswadiha int...Hawn m'hawn ebda periklu.

Marku : U sgur, u sgur...Mniex għandna nibżgħu? Ikkalma, sinjura... Id-dlam...dad-dlam li għandna madwarna qiegħed ibeżżgħek.

Pawlu : Sewwa qed jgħidlek...Id-dlam...Il-fantasmi tal-lejl......

Marku : Fuq kollox, dak ir-raġel li qed iħares lejna hekk fitt, ma jista' ikun jaf xejn fuqma...proprju xejn.

Pawlu : Sewwa qiegħed tgħid... Qiegħeda tara, Maria? Is-sinjur ukoll jaqbel miegħi...Dawn kollha fantasiji.

Marku : Fantasmi... Holm... Tewdin....

Pawlu : Hawn, ħadd ma jafna....

Marku : Hadd...ħadd....

Pawlu : Strieħ, għażiża tiegħi... oqgħod bilqiegħeda.....Ara, jien se noqgħod ħdejk ukoll...Serraħ rasek fuq spalti...għalaq għajnejk u orqod...orqod bla ma toħlom...Irridek iżżomm ruħek kalma...m'intix waħdek...ħdejk, hawn jien.

Maria : Tajjeb...Iva, nixtieq norqod.....

Marku : Sewwa qallek, sinjura...għandek bżonn torqod...Bħekk, int tqarraq bil-ħin u għalhekk ma jkunx hemm ħin li int tiġi mirbuħa minn dal-biża fieraħ....

Pawlu : Biża!... Imma, nixtieq nistaqsik...Aħna, mniex għandna nibżgħu???

Maria : Xi ġralek, Pawl?

Pawlu : Xejn, xejn... Xi tridu jiġrili? Kliem das-sinjur ġagħlni nirrabja u issa, nitlobkom li ma nitkellmux iżjed fuq dan.

Marku : Mita wieħed ikun għajjien u ikun bingħas, ma jkunx jista' jikkontroola n-nervi...ħaġa naturali...Jeħtieġ li wieħed ma jagħtix każ tal-proxxmu...qiegħed ngħid sewwa?

Pawlu : Altru li sewwa...Fid-dinja, ħadd m'għandu jagħti każ ta' ħadd...Isa, Maria, ipprova ħu ngħasa...Strieħ ftit.

Marku : Jaghmillek tajjeb, sinjura....Jekk ma tistriehx, mita tasal Milan, thossok bla sahha...M'hix haġa sabiha li tasal f'belt ġdida b'uġiegh ta' ras...Qieghed nghid sewwa? (Jinfexx jidhaq) b'dahqa inkrepattiva)

Pawlu : (Mghaddab, b'lehen gholi) Issa nitolbok tiskot.... B'dik id-dahqa qieghed iddejjaqni. (Pawsa) Ahfirli... In-nervi qieghdin jaghmlu bija...mita smajtek tidhaq... Ahfirli....

Marku : Ghandek raġun... X'imdaqqiet, kif nidhaq jien, indejjaq lil dak li jkun...Naf, jien bniedem antipatku...m'inhix ghajr.....

Pawlu : Qieghed nitolbok bi pjacir...M'hemmx ghalfejn iġġibha f fit-tul...Ahfirli u xejn iżjed.

Marku : M'hux int imma jien ghandi nitlob skuża...Jien nitkellem wisq...L-ufficcju kienu jsejhuli carlatan.

Pawlu : (Jerġa' jitlaghlu) Imma, f'ġieh kemm hemm....Ma tistax issikket ilsienek?...Imqar ghal ftit minuti???

Marku : Ghandek raġun...ghandek ragun....

Maria : M'hux hekk, Pawl....

Pawlu : Ma niflahx insofrieh iżjed....

Maria : Ksirtu...Ma fastidju... Arah...sejjer...Ma felahx jghidlek kelma ohra....Dik il-valiġġa ma telaqhiex minuta wahda minn idu......

Pawlu : Rieġa riesaq l-hawn....

Maria : Bhall-issa, mohhu f'dak ta' quddiemna....Pawl, jekk jerġa' jiġi hdejna, itolbu skuża....

Pawlu : Kif ghedtlek...ma flahtx insofrieh iżjed....

Maria : Dik id-dahqa, tilfitek...Lili dejqitni wkoll tafx....

Pawlu : Dahqa inkrepattiva....Anqas jekk tkun qaddis massofriha.

Maria : Pawl, int sgur li m'inthix qaddis.

Pawlu : Jaqaw trid tlumni ghax m'inhix? Qatt m'ghedtlek li jien.

Maria : (Tidhaq) Le, ghaldaqshekk kont onest sa mill-ewwel waqt li ltqajna.

Pawlu : Serrah rasek fuq spalti, Maria....

Maria : Tajjeb....

Pawlu : Maria, taf li dak is-sinjur se jipprova jorqod? Arah.... Qed jimtedd fuq dak il-bank...Isa, ghamel bhalu...ipprova orqod int ukoll.

Maria : Inhossni mejta hinghas, imma ma nistax naghlaq ghajnejja.. F'ghajnejn dak ir-raġel......

Pawlu : Tharisx lejh...żomm ruhek kalma u ipprova orqod....obdini.

Maria : Nipprova.

Pawlu : Taghtix każ ta' dak ir-raġel...Jekk ma nharsux lejh, fl-ahhar jiddejjaq ihares lejna.....

Maria : Tghid jafna? Jaf x'ghamilna?

Pawlu : Ma jistax ikun. (Pawsa)

Maria : X'ħin sar?

Pawlu : It-tlieta u erbgħin minuta.....

(Mill-ġdid il-ħsejjes tad-daqqiet tal-martell fuq il-ħadid...id-daqqiet jinstemgħu dejjem aktar qawwija, ossessjonanti, imbagħad jieqfu)

Maria : Għadu jħares lejna...Pawl, jeħtieġ li ġara x'tagħmel... Ma niflaħx insofrieh iżjed....

Pawlu : Għandek raġun...Ħallieh f'idejja.

Maria : (Titubanti) Stenna!...X'beħsiebek tagħmel?

Pawlu : Irrid nagħlmu jilħaq għastu....

Maria : Le, pawl...Ħallieh iħares kemm irid...ma nħabblux il-kobba iżjed milli hi...Nitolbok Pawl....Jista' jkun li qiegħed jaħsibna xi ħaddieħor u irid ikun sgur....

Pawlu : X'iġifieri ikun sgur? Sgur minn x'hiex???

Maria : Sgur minn dak li qiegħed ifittex....

Pawlu : M'inhix nifhmek....

Maria : Dak ir-raġel setgħa ġie mibgħut minn xi ħadd...Minn.....

Pawlu : Jaqaw? Minn John? Le!..Ma jistax ikun....John kif setgħa jobsor x'konna sejrin nagħmlu? Anqas biss kellu żmien...Aħna tlaqna għalgħarrieda...X'ħin tlaqna kien rieqed...Sewwa qiegħed ngħid? Dan għedtuli inti stess.

Maria: Iva, fil-ħin li tlaqna issoltu ikun rieqed...

Pawlu: U allura, kif setgħa jarana sejrin?

Maria: Jista' jagħti l-każ li jaf lil xi ħadd minna.

Pawlu: B'daqshekk?

Maria: B'daqshekk imur jgħidlu fejn rana... U john jiġi jfittixni.

Pawlu: Xi dritt għandu jagħmlu dan? Forsi xbajt, ma riedtx tkompli.....imma jekk stess jagħmel dan, ma jistax jilħaqna it-tren ikun hawn fi ftit minuti oħra...Imbagħad, fejn se jiġi jfittixna, f'Milan?

Maria : Jista' jistaqsi lil-Pulizija għalija... dawn malajr isibuni....

Pawlu : Imma int, lil John ma tafux? Ma tafx li dan m'għandux ħila jagħmlu?

Maria : Jista' jgħidilhom li jien għebt f'salt wieħed...

Pawlu : Għebt m'hix il-kelma...Jista' jgħid li int xbajt minnu tlaqtu u qbadt lil ħaddieħor....

Maria : Ħrabt trid tgħid....

Pawlu : Iva ħrabt minnu... Reġa bdielek... Ma tridx tkompli miegħu.... Qed niftakar...għedtli li ktibtlu....

Maria : Iva,ktibtlu.

Pawlu : Allura m'hux il-każ li joqgħod ifittcek...Jaf x'għamilt Jaf li xbajt minnu u għalhekk m'hu se jqanqal xejn...

Wara kollox, ma jaqbillux juri x'ġara...Kif qiegħed ngħidlek jien...Ma jaqbillux jitkellem...Mhix ħaġa sabiħa li tħallieh l-għarusa...Le, le, mhux ser jiftaħ ħalqu...Bil-maqlub... Huwa jibqa' sieket u kalm.

Maria: Sieket u kalm!....

Pawlu : Għedtli li dak ir-raġel jista' jagħmillu telegramm... Bħall-issa, it-telegrafu jinsab magħluq...Għadhom l-erbgħa ta' fulgħodu...Dal-ħin jista' jagħmel it-telegrammi? Jien stupidu għax noqgħod nagħti każ ta' kliemek. Maria, ftit ieħor jibda jbexbex ...Jien u int sejrin naraw l-ewwel jum ħieni ta' ħajjitna.....ħielsa...ferħanin bl-għerusija tagħna.

Maria : (Ittenni b'enfasi) Sieket u kalm!....

Pawlu : X'ġara?

Maria : Jekk jibqa' sieket u kalm ma jkun ġara xejn.

Pawlu : Naturali...Jeħtieġ li jistabar...Illum, int, għamilt l-għażla tiegħek...Illum qiegħda taħseb xort'oħra minn qabel...

Maria : Taf li dak għadu jħares lejna?

Pawlu : M'għandniex għalfejn nagħtu każ tiegħu...Dak imbecilli u m'inhix se' incappad idejja miegħu...Maria, il-kalma u l-mistrieħ huma l-aqwa medicina....Oqgħod bilqiegħda.

Maria : X'ħin hu?

Pawlu : It-tlieta u tlieta u erbgħin minuta...Disgħa u għoxrin minuta oħra jasal it-tren...Jekk trid, tista' tieħu ngħasa.

Maria : Kieku, mejta bingħas...imma, ma nistax nagħlaq għajnejja.

Pawlu : Ipprova, x'se titlef?...Isa, għalaq għajnejk...Hekk...brava.. Irridek ittajjar minn rasek kull-ħsieb fieraħ...Maria, kemm int sabiħa mita tkun mitlufa fin-ngħas....Qisek anġlu...iva...proprju anġlu.....

Maria : L-Anġlu tad-dar.

Pawlu : Orqgħod...mita jasal it-tren, inqajmek.

(Il-ħoss tal-martell jinstemgħu mill-ġdid... Ħsejjes stakkati. Ma kull-taħbita jinstama' l-eku, l-istess bħal vibrazzjoni. Ma dal-ħoss, jissieħeb ukoll passi ta' bniedem riesaq fil-qrib, imbagħad, dawn, jerġgħu jintilfu f'dawk tal-martell.)

Maria : (Imbażża') Maaaa!.....

Pawlu : Xi ġralek? Qiegħda toħlom? (Il-ħsejjes jieqfu)

Maria : Wara dik il-vetrata, hemm xi ħadd...Smajt il-passi.

Pawlu : Ma jidher ħadd, għażiża tiegħi....Kont rieqda...kont qiegħda toħlom...X'inhu jagħtik il-lejla?

Maria : Hu...Sgur li hu!...

Pawlu : Għedtlek ikkalma.

Maria : Hu!...Il-passi tiegħu narafhom...Iva, sgur li hu...

Pawlu : Jaħasra!...Kont qiegħda toħlom...Ma jidher ħadd ...Irraġuna ftit, Maria.....

Maria : B'danakollu, jien smajt passi...Mixjitu narafha...Iva, l-passi tieghu...dawk stess li kont nisma' ta' kull-lejla...resqin fil-qrib, imbaghad wieqfu wara l-bieb, jistennieni niftahlu....Dawk il-passi ghadni kemm smajthom... Qieghdin ifakkruni fieh...X'sejjer jaghmel issa, mita ma niftahlux? Minn hawn u ftit sieghat ohra imur ifittixni... jghajjatli.....

Pawlu : Maria...Nitolbok...tghajjar dal-hsibijiet minn rasek....

Maria : Ghada. mita jispicca mix-xoghol, jiġi jfittixni...sejjer isib ruhu wahdu...imur id-dar u fuq gradenzina ckejkna jilmah ir-ritratt tieghi...dan ifakkru fija...

Pawlu : Maria!....(B'lehen gholi)

Maria : F'daru,ghandu hafna x'ifakkru fija...kont irranġajtlu kemm stajt...Kien jinsab wahdu...kont nghaddilu hwejjġu.. insewwihomlu....inlestilu x'jekol...Kif kien jiġi ghandi, kont inlestilu t-te', il-hobż bil-butir...kien jiġi bil-ġuh u b'dawk l-idejn hoxnin.....

Pawlu : Hoxnin? Goffi trid tghid...Int kont tistmerru ghax kien ohxon...kien jiekol daqs barri...kellu żaqqu tasal qablu. (Jidhaq)

Maria : (Tkompli bla ma taghti każ ta' Pawlu, bhal wahda qisha mitlufa)

Dawk l-idejn ġentili, hoxnin....dik it-tbissima helwa li kien jaghtini kif jarani...tbissima ta' mhabba...sinciera.. Imbaghad, qabel ihallini, kien jaghtini bewsa fuq ġbini.

Pawlu : Jien naf imbusek fuq fommok,.jien.....

Maria : Filghaxija konna mmorru naghmlu passiġġata, id, f'id... hemdin...fil-paci...Konna nidhqu bl-istess haġa u bl-istess haġa konna nsewdu qalbna...Naf, naf... ma kienx zaghzugh qalbieni bhalek...Ma kienx jisthi idemmgha ghajnejh ghal xi xena ta' qsim il-qalb...Qalbu kienet żghira bhal ta' xi tifel ckejken.

Pawlu : Iva, sewwa qieghda tghid... Kien qisu tifel f'kollox.... (Jidhaq)

Maria : Konna hinjin... u issa dik l-hena tbeghdet minni.....Le!. John ma kienx bhalek...

Pawlu : Dan nafu, m'hemmx ghalfejn tghiduli.

Maria : Kien dejjem dahqan...Kien ihobbni...mhux bil-kliem biss..

fuq dan, qatt ma kien jghidli xejn...qatt xejn.... Kont ili nkellmu disgha snin....Waqt li kont inkun qieghda naghmel il-facendi, kont narah josservani fis-skiet, bi tbissima fuq fommu...hieni... hieni ghaliex kont inkun qribu... John ukoll kien jghidli li kont qisni anġlu ...Min kellu jghidlu..... (Tibki)

Pawlu : Maria, ghidli haġa, int insejt li ahna ninhabbu? Dan, int, ma tistax tichdu...Ninhabbu jew ma ninhabbux?

Maria : (B'lehen miksur bil-biki) Anġlu.... Issa jaghmel haqq minni kif jixraqli...Ftit iehor u John jintebah li jiena dhaqt bieh......

Pawlu : Maria...imma.....

Maria : Int ma tafx...ma tistax tifhem.... Jekk nerġa lura, jahfirli

Pawlu : Min? John?

Maria : Iva, John...Jahfirli...m'ghandix biża' minn dah....

Pawlu : Maria... isa, hallik mill-hmerijiet....

Maria : (Mghaddba) Hallini!... Tmissnix b'idejk....Ghedtlek tmissnix...Hallini fil-paci.

Pawlu : Ghalfejn qieghda tghajjat? Qieghda tiggennen? X'inhu jaghtik? Jien....

Maria : (Taqtaghlu kliemu) Jien...jien.... jien.....Ma tafx tghid hlief'jien'.... Il-flus...il-flus li ghandek...Dawn, int, ma tafx x'taghmel bihom....Sewwa qieghda nghid? Hallini fil-kwiet u l-paci....u issa, bizzejjed.

Pawlu: Bl-ghajjat tieghek qieghda twerwer lil habib taghna... Arah, qieghed jirtoghod...qieghed iross mighu dik il-valigga...qisha se' tahrablu...Iskot...riesaq lejna.

Marku: (Ftit boghod mill-Mike, imbazza') Min? Min semma' l-flus? Smajt sewwa? Xi hadd semma' l-flus...Min? Hawn xi haddiehor maghna? Sejjahli xi hadd? Le, hux tassew?

Pawlu: Le, ma gie hadd...Hadd ma sejjahlek.

Marku : Donni hassejt lil xi hadd riesaq lejja...Deherli li qieghed idu fuq spalti...Ghajnejh rajthom imsammrin fuqi...Harstu riedet tisbranani..."Il-flus" - qalli "Il-flus".... Kienet xi holma...kerha...fierha...Kemm hi haga sabiha li wiehed jorqod bla ma johlom...Qieghed inhossni kiesah silc... Il-kesha li hawn tidhol fil-ghadam....Imma, jien, ma smajtx hazin....Xi hadd semma' l-flus....Ghiduli min...Min semmihom dawn???

Pawlu : Forsi hi jew jien...Ghaliex din l-importanza kollha?

Marku : Ghandek ragun...M'hemm ebda mportanza....X'aktarx li dawn semmejtuhom waqt li kontu qieghdin tidhaddtu bejnietkom. Sinjur...Taf lis-sinjura qieghda bilqieghda fl-art?

Pawlu : Maria, X'int taghmel, hemm fl-art? Qisek xi tifla ckejkna.. Qum minn hemm...Il-kesha ta' l-art taghmillek hazin.

Maria : Pawl...ahfirli.... ma riedtx....

Pawlu : Taghtix kaz.... In-nervozizmu....il-biza tilfek minn sensik. Minn hawn u ftit iehor, kollox jghaddi...ninsew...inkunu hinjin.

Marku : (Kurjuz) Gralkom xi haga?

Pawlu : Xejn, xejn.... Kelna argument ckejken...Ma qbilniex.

Marku : Iva, iva...bejn mara u ragel, xi tilwima dejjem ghandha tinqala.... Taf tghidli x'hin hu?

Pawlu : Dal-waqt jasal...It-tlieta u sebgha u erbghin minuta....

Marku : Jahasra...ftit baqaghlna x'nistennew...Ftit iehor u dil-holma ttir minn fuqna ghal dejjem....

Pawlu : Kos...tassew...qisna qieghdin f'xi holma....

Marku : B8xorti tajba, ninsabu hawn flimkien....Ghall-inqas naghmlu kuragg lil xulxin...Sewwa qed nghid?

Pawlu : Se nispiccaw biex insiru hbieb tassew, wara das-sieghat ~~km~~ kollha li ghaddejna flimkien.

Marku : Das-sieghat kollha!.... Ahna m'ilniex flimkien ghajr ftit minuti.

Pawlu : (Jidhaq) Ghandek ragun.... Il-hin, donnu li ma jistax jghaddi ...Dan huwa l-aghar hin ... wiehed jista' jitlef s-sabar u ......L-aqwa li wiehed jirrezizti saz-zernieq... Jekk jirnexxielna naghmlu dan, inkunu hielsa...Ahna lesti biex nirreziztu , m'huxhekk?

Marku : Naqbel mieghek, mija fil-mija...Nirreziztu!....(It-tnejn jinfexxu jidhqu biex jiksru l-hemda li kienet qiegheda dbezzaghhom. Maria tibqa' serja, ~~tkxxxxxfx~~ Pawwa)

Pawlu : ~~XXXX~~ Trid sigarrett iehor, Sur?

Marku : La qed toffrili, niehu.... Habib, ghandek tkun taf li jien m'ghandix hbieb...dejjem wahdi...Donnhom li shabi kienu jghiru ghalija...Il-principal li kellî, bil-maqlub.. kien jistmaghni hafna u issa, nahseb li dan ukoll se jwarrabni...s'issa, forsi ghadu ma ntebahx...Imma, x'jiena nghid? Alla tal-hniena.... Jien sturdut...ma nafx x'jien nghid...In-nghas qed jitkellem m'hux jien....

Maria : (B'lehen espressiv) U sa dat-tant, dak tal-faccata ghadu b'ghajnejh fuqna.

Marku : (Bezghan) Donnu li jaf b'kollox...mita ghalaqt ghajnejja biex nipprova niehu nghasa ukoll hassejtu qieghed iħares lejja...Ghajnejh issamru fuq dil-bagalja...fuq idejja.... F'dak il-hin, hassejtni li ma stajtx nitharrek...donnu li jpparalizzani...sammarni ma' dal-bank...M'hemmx dubju.... Jaf b'kollox.

Maria : Kollox...Iva, kollox...qisu qieghed ġo fina.

Marku : U dan, minhabba dil-mishuta bagalja...Dal-waqt nixheta f'xi xmara...Iva!... hekk se' naghmel.....(Jikkalma) Imma, kif jista' jkun?...Ma nistax...Le, ma nistax.

Maria : (Wara pawsa) Tghid...xi pulizija?

Marku : (Imwerwer) Le!...Ghaliex qiegheda tahseb hekk? Ghaliex?

Pawlu : Ikkalma, habib.... Dak mhux pulizija...qaltlek, hekk.... Hasbet hazin...Mhux sewwa qed nghid, Maria?

Maria : Iva...ghal mument, hsiebt hekk.

Marku : (Kważi itemtem) Jien, m'inhix ghajr imsejken impiegat... naqla tletin lira fix-xahar...somma ckejkna hafna ghaz-żmenijiet tal-lum,,,Mita kont tifel, kont immur il-Licew NMinn ilbiesi ma tahsibx li kont imrobbi tajjeb? Ommi, biex edukatni kienet toqghod nieqsa minn zaqqa,,..Ma rnexxieli nilhaq xejn...xejn... kif ghedtilkom, m'inhix ghajr habba impiegat....Hdiemt bhall-annimal ghomri kollu.

Pawlu : Iva, issa, ikkalma....mhux il-każ li toqghod tiġġustifika ruhek...Tibżax.....

Marku : (Iffastidit) Nibża? Ghaliex ghandi nibża?

Pawlu : (Ironiku) Proprju dan li riedt infisser...Ghaliex ghandek tibża?...Ghedtlek hekk, bla ebda hsieb ta' xejn.

Marku : (Wara li jinstama' hoss ta' ferrovija riesqa fil-qrib) Wasal it-tren!...Isimghuh....It-tren li qieghdin nistennew ahna.

Maria : Ejja nittawlu naraw hux hu....

Pawlu : Iva, halli nġib mieghi l-bagalji....

Maria : Haffef...Dal-waqt ikun hawn....

Pawlu : Imma...fejnhom il-Porters? Mita tkun tridhom lil dawn, ma ssibhomx....

Marku : Tridx nghinek jien? F'din l-id m'ghandi xejn....

Pawlu : (Iddiżappuntat) Dak mhux it-tren li qieghdin istennew ahna....Dak tren tal-merkanzija (Il-hoss tat-tren dejjem joqrob)

Marku : (Iddisprat) Le, le.... Ghaliex qed tghid hekk? fid-dlâm li hawn tghidlix li qed tgharfu...

~~Marku:~~ ~~(Skinat)~~

Pawlu : Gharaftu mill-ħoss.

Marku : X'ħin hu?

Pawlu : It-tlieta u ħamsa u tletin minuta...Jonqos dsatax il-minuta...kważi għoxrin.

Marku : Ma satax qarreb fil-ħin? Jista' ħaffef aktar mis-soltu.

Pawlu : (Imdejjaq) Imma, m'intix tisma'? Dan mhux ħoss ta' tren tal-passiġġieri...Qisu mitħna tal-kafe'...Kif għedtlek, ħabib, dan tren tal-merkanzija...fuq kollox, il-qampiena li tħabbar il-wasla tat-tren, għadha ma daqqietx....Ikolna nistabru ftit ieħor...Dawn l-aħħar għoxrin minuta sejrin narawhom sriklu.

Marku : (Minn taħt l-ilsien, kważi jtemtem) Mhux għoxrin baqa', imma, dsatax...le, issa, saru tmintax...Ħares lejn l-arloġġ.

Pawlu : Ħallini!...

(Il-Ħoss tat-tren tal-merkanzija jieqaf. Ħemda perfetta. Tinstama' tisfiera ta' ferrovija fil-bogħod)

Maria : Il-lejl l-ieħor ukoll...Mid-dar tiegħi smajt tisfira ta' ferrovija fil-bogħod...Ma stajtx norqod.

Marku : X'differenza, issa.....

Maria : Qatt ma bsart li sejrin jgħaddu minn fuqi waqtiet bħal dawn.

Marku : Oħti wkoll....Għamlet lejl tisgħol il-ħin kollu...Kienet aġitata..qisha basret li....

Pawlu : Jien ukoll, il-lejl li għadda, ma stajtx norqod.

Marku : Bħall-issa, oħti x'aktarx li qiegħeda tfittixni...Ħallejtha waħida...Miskina....bil-marda li għandha tinsab imfixkla għall-aħħar...Ma nafx kif tista' tgħaddi mingħajri...mara xieħa...waħida.....

Pawlu : Jiena wkoll waħdi....

Marku : Dal-lejl, ma nafx xi ġrali...Id-dlamm beda jwaħħaxni... l-għamara bdiet tfaqqa' ta' sikwiet...m'ibbastax jisbaħ.

Maria : Kos, toqgħod taħseb...Għaliex ma jibqax binhar il-ħin kollu? Għaliex jiġi l-lejl?

Marku : F'dak id-dlam, bdejt nara dil-bagalja ħdejja...din stess li għandi bħal issa ...bdejt naraha fuq il-mejda, imsakkra bic-cavetta...Qaddiemi, rajtha kbira daqshiex... rajtha qiegħda tieħu il-wisa' tal-kamra kollha...Moħħi ħassejtu tqil...Iva, fuq moħħi kelli piż kbir...Il-ħin ma setgħa jgħaddi qatt...l-istess bħal issa...X'ħin sar?

Pawlu : Uff.....

Maria : Ftit ieħor, jibda jżernaq...Id-dlam ġa beda jitlef minn qawwietu......

(Il-ħsejjes tal-martell fuq roti tal-ħadid jinstemgħu mill-ġdid)

Marku : Uff xi dwejjaq!... Taħbit mill-ġdid.....

Maria : Dal-ħsejjes qiegħeda nisthajjilhom daqqiet ta' frosta, meżlin fuqi....Donnhom iridu jixluni....Ma niflaħx iżjed.... Dal-ħsejjes qiegħdin jeqirduni.....

Marku : (Jgħajjat) Biżżejjed!... Le...le...le.....

Pawlu : Inhossni sejjer niġġennen!...Rasi se' tinqasam!...Lil dak, ma niflahx insofrieh iżjed...Għajnejh ma qalgħhomx minn fuqi....

Maria : Griżmejja nixfu għal kollox....Qiegħeda nifga. ...Il-Jum dal-waqt iżernaq...Id-dawl!.... Qiegħeda negħreq!.... Naħrab!... Iva, naħrab...naħrab minn dat-turment...minn dawk l-għajnejn.....

Marku : (Mitluf) Le...le...le.... Minn hawn, ma nistgħux nitħarku.. ma nistħux.... Għalieh, biżżejjed li jerfa' idejh fuqna.... Nixtieq...iva, nixtieq li jgħidli x'inhu jaħseb fuqi... Għalija, dan, ikun serħan kbir...Jien, ninsab hawn...Jekk irid jista' jixlini...Jista' jaqbadni taħt idejh...Għaliex ma jitħarrikx minn hemm? (B'għajta isterika) Għaliex???

Maria : Donnu qiegħed jisbah....Iva...l-ewwel raġġi tax-xemx bdew ixejnu l-lejl....

Marku : Bħal issa, f'moħħi qiegħed inħoss dawl...dawl inġazzat... dawl bajdani...dawl imnikket u d-disprat...Jekk jagħtini f'idejh il-Pulizija inkun aħjar milli jien....Għaliex ma jqumx minn hemm u jagħtini l-għajnuna li għandi bżonn?

Pawlu : Lilna, ħadd ma jista' jgħinna.

Maria : X'waħdadin!..X'sejrin jgħidu n-nies għalija?

Pawlu : (Żorr) Fuqi ma jistgħu jgħidu xejn... Il-ħajja hi ta' dak li hu qawwi... Il-bniedem m'għandux jagħti ruħu b' mirbugħ kif ġieb u laħaq.... M'għandux iċedi...Qatt.....

Marku : Il-Principal li hu responsabbli.... Sejjer jiġi mixli bla ħtija...Jiena u hu konna ħbieb...kien iġibli rispett u jien, jien ittradejt l-fiducja li kellu fija.

Pawlu : (Bħal wieħed li qed jitkellem waħdu) Mhux tassew!... Min jista' jgħid li jien ittradejt l-fidicja tiegħu?... Fid-dinja, wieħed għandu jagħtaf jikseb dak kollu li qalbu tixtieq....Dawk li huma sentimentali jintemmu billi jaraw il-waqa' tagħhom...Il-ħajja hija ħaġ'oħra...hija ħaġa iebsa...difficli... gwerra bla heda u b'danakollu, il-ħajja, il-bniedem, irid jgħixa sa l-aħħar...Ma iridx imut.

Maria : Tassew temmen li l-ħajja hija għażiża?

Pawlu : Int taf li qatt m'għedtlek kelma b'oħra...Taf tajjeb li jien inħobbok u int ukoll...iva, int ukoll tħobbni.... din hi r-realta' ta' ħajjietna... għalina, xejn ma jgħodd iżjed.... Maria...ħallini imbusek.......

(Pawsa)

Marku : Tletin lira fix-xahar....Għal ~~l-dejjem~~....

Maria : Għal dejjem.

Pawlu : Għal dejjem.... iva, għal dejjem, għażiża tiegħi..... Għal dejjem.

Maria : (Mitlufa) Kont int li riedtu dan... Int ġagħltni...Int ipperswadejtni....jien ma riedtx....

Marku : Jien anqas ma riedt....Kien iżjed f'saħħtu minni...Mita taħdem minn filgħodu sa filgħaxija bil-kuxjenza u tagħmel ukoll xogħol li mhux tas-soltu u ma tasalx l-istess... Kont immur lura d-dar, għajjien....avvilut...umiljat bħal bhima...Kont ngħaddi minn quddiem il-ħwienet mixgħulin... miżgħuda bl-aktar ilbies eleganti....Iż-żarbun li għandi kont ġa għamiltlu il-pettijiet xi tlett darbiet...Ma jixraqx li jolbsu wieħed bħali...Jien raġel miżerabbli... tallab...Inħossni nistħi minni n-nifsi...Il-qalziet imraqqa

: Il-kliem tal-ġlekk, fil-minkeb, qishom mera...l-ingravata li ghandi kont xtrajtha mit-triq...Darba waħda, filgha-xija, bla ma naf kif, kont ħadt riżoluzzjoni...riżoluz-zjoni ta' wieħed iddisprat...Bejni u bejn ruħi, għedt: "Hemm...ftit il-bogħod minni...hemm tant flus qiegħda... Nista' nilħaqhom bla ebda tbatija...Flus imwarrba għal xi fondi...Jekk jonqsu, ħadd ma jintebaħ...mhumiex flus registrati, biex ngħid hekk, naf bihom jien biss... U bħal li kieku ma ġara xejn.....

Pawlu : Xejn!..Ma ġara xejn.....

Marku : Kont jien li dawk il-flus ma daħħalthomx fil-kotba... Jien kaxxier disonest...imma dan, ma jgħodd xejn... jien għandi ninsa kollox...m'għandi naħseb f'ħadd... Għalxejn li wieħed joqgħod jiftakar....

Pawlu : Għalxejn!...Għalxejn!...Iva, din hija frażi li toqgħod ħafna..."Għalxejn li wieħed joqgħod jiftakar...Issa, ħadd ma jista' jerġa' lura.

Maria : (Bi ħlewwa) Kieku rridu....

Pawlu : Għalxejn....

Maria : John kellu fiduċja kbira fija....Aħseb ftit...Jien, dħaqt bieħ....

Pawlu : Proprju dik il-fiduċja li kellu fik li qiegħda taħraqli qalbi...Kieku jiġi quddiemi, jien stess ngħidlu li rbaħtu... li għelibtu...li jien aqwa minnu...Ngħidlu li jien m'inix beħsiebni nċiedi r~~r~~ebħa tiegħi.

Maria : Int qiegħed taħseb fik biss u jien? Fija ma taħseb xejn?

Pawlu : X8iġifieri?

Maria : Iġifieri li jekk irrid jien, nista' nerġa' l-ura.

Pawlu : Imma, dan, int, m'intix se' tagħmlu...Sewwa qiegħed ngħid?

Maria : Pawl...Aħfirli....

Pawlu : Weġibni!...Trid jew ma tridx terġa' lura?

Maria : Pawl, ismagħni ftit....

Pawlu : Le!..Int m'għandekx f'rasek li terġa lura... Dan, int, ma tixtiequx...Għidli li qiegħed ngħid sewwa.

Maria : (Eccitata) Jekk xi darba ikolli nġarrab il~~k~~misthija li.....

Pawlu : Iskot!..Jien u int inħobbu lil xulxin...Aħna m'għandniex nisthu għax ninħabbu...Veru li aħna ninħabbu?

Maria : Iva, veru... m'hemmx dubju...~~Jien ħabtek biex tiġi miegħi u int ġejt dan ifisser li int tħobbni wkoll~~..

Pawlu : Jien għamilt minn kollox biex gagħltek tiġi miegħi.. dan ifisser li jien kont inħobbok.

Maria : (Tirrepeti) "Kont inħobbok" ... U issa, m'għadekx? Qed tara? Mhux jien biss.....

Pawlu : X'int tħawwad? Għaliex qed tgħidli dan?

Maria : Emminni, ma nafx... (B'dieqa) Qalbi qiegħda tgħidli li issa m'hemmx hena iżjed għalija.

Pawlu : Sejra żball...L-hena tagħna se tibda minn issa l-quddiem...Maria,issa jeħtieġ li jkollok fiducja fija....

Maria : Taf x'għandi bżonn? Għandi bżonn li nistembaħ mill-ħmar il-lejl li għandi fuqi...Nixtieq ma nafx x'inħallas u neħles mill-mewġ qawwi li għandi madwari...dan sejjer jgħarraqni...ġa inħossni qiegħda nibla l-ilma.... Qiegħda nifga....mitlufa...iddisprata.....

Pawlu : (Bi ħlewwa) Ftit ieħor u jasal it-tren tagħna... imbagħad nitbiegħdu minn dal-lok misħut...Maria la nitilqu minn hawn, kollox jimbidel...Mita nisimgħu it-tisfira tat-tren li jkun qed joqrob lejna...allura...

Maria : Allura?

Pawlu : Maria, għaliex int safra daqshekk?

Maria : Il-misthija...l-għajdud tan-nies għalija....

Pawlu : Tgħaġġibiex...

Maria : Nixtieq ninħeba...Dawk li jafuni ġa qiegħda narhom iħarsu lejja bl-ikreh...Iva, kulħadd qed iħares lejja... Qiegħda nisthajjilni mnażża' minn kukk-satra.... (B'għajta) Le!...Mhux tassew!... Jien m'inix ta hekk... John jafu dan... huwa jaħfirli.... John, issa ninsab waħdi... iva, waħdi....

Pawlu : (Urtat, mitluf) Int qiegħda tiġġennen!... (Offis) Għaliex qiegħda terġa' ssemma' lil John? Ma tistax tgħaddi mingħajr dak il-bniedem baħnan...ridikolu?

Maria : John huwa bniedem bħaļek ...l-Għarus tiegħi... Għamiltlu azzjoni ħażina... Qatt ma għamilli xejn... Kienx iħobbni...Ma rridux isofri minħabba fija....

Pawlu : (Mgħaddab) Int qiegħda taħseb fieh il-ħin kollu... (Iddisprat) Imma dak il-mingħul x'irid minna? X'irid minna?

Maria : Tabilħaqq...X'irid minna?

Pawlu : Iva, irrid naf!... Il-ħin kollu inħossu bejnietna.. Qisu fantasma...Li kont nista' nisbranaħ....Nobgħodu....

Maria : Int?

Pawlu : Iva, jien...Qed inħossu aqwa minni...Ħarstu qiegħda iżżarmani mill-qawwa tiegħi...Qisu wieħed ibleh... Jien ma ncidilux...ma rridux jirbaħni...Naħlef li nerġa' niltaqa' miegħu...Iva, f'qasir żmien u dak inħar, wicc, imbwicc, niqaflu u jekk jażżarda, naħbat għalieh...Jinsultani jekk għandu ħila...Forsi ma għandux ħula jobgħod, imma jien għandi...Jien nobgħodu u birħragun...X'jedd għandu li jippersegwitani? B'ddik it-tbissima kollha tama, ma nistax insofriha iżjed... Aħjar, iva, elf darba aħjar jekk jitpastas miegħi... li jkun miegħi vjolenti...qalbu iebsa...X'inhu jistenna minni? Le...jien u hu qatt ma konna ħbieb...Ibleħ li hu!... Ma satax jobsor li llum jew għada kont sejjer nirbħek....Bniedem stupidu...stupidu...stupidu....

Maria : (Tgħajjat) Biżżejjed!... Ma nippermettilekx.....

Marku : Sinjuri...nitlobkom...iva, nitlobkom...tgħollux leħinkom...Hawn, ninsabu waħidna...mhux meħtieġ...le, mhux meħtieġ...Aħjar ma niġbdux l-attenzjoni...Qiegħdin tifhmuni?

Maria : Ħarsu lejh...għadu jħares lejna...Imma għaliex? Donnu qiegħed jikkontrollana....Inħossni beżgħana....

Marku : Bniedem terribbli!...Ma ħalliniex minuta waħda biss.

Pawlu : X'setgħa għandu fuqna?

Marku : (Minn taħt l-ilsien) Jaf b'kollox...Iva, jaf b'kollox....

Maria : (Imregħda bil-biża) Tħallunix waħdi...Ma niflaħx insofrieh iżjed....

Marku : Jien ukoll...Ma riedx nisraq!.......

Pawlu : Ikkalmaw!...Ikkalmaw!....

Maria : Għajnejh, donnhom labar....

Marku : Kull fejn indawwar wiċċi insibu jħares lejja... Inqbadna fix-xbiek....

Pawlu : Trid tikkalma jew le?

Marku : Dak li għamilt jien, ġa jaf bieħ kulħadd...Ostruni.. nitlobkom...ostruni!....Naħlef li nerġa' nrodd kollox lura sa l-inqas ħabba....

Pawlu : Maria!... Fejn sejra?

Maria : Ħallini!...

Pawlu : Ieqaf!..Ismagħni!... Fejn sejra? Ersaq l-hawn!... Tersaqx ħdejh!.... Pause

Maria : coming to mic (Tgħajjat) Għidli xi trid minni....Irrid naf... Irrid naf.....

Marku : X'waħdadin!...X'fettlilha marret ħdejh?

Pawlu : (Jgħajjat) Maria...ejja l-hawn!...

Maria : Għedtlek għidli xi trid....Għalfejn qed tħares lejja... Ma qlajtx għajnejk minn fuqi....

Raġel : Lili qed tgħid, sinjura ?

Maria : Iva, lilek....lilek qed ngħid...Tista' tgħidli għaliex qiegħed tittermentani b'dal mod? Ilek tħares lejja siegħa sħiħa...Xi trid? Xi trid minni?

Raġel : Jien? Jien ma rrid xejn...Jien ma narax... Jien raġel għama......

Maria : (Mgħaġġba) Għama!...(Tinfexx f'daħqa sterika , imbagħad f'salt wieħed taqa' f'bikja twila)

Marku : Għama!....

Pawlu : Għama!....

Marku : (Daħqa) Għama!... X'kull-waħda!....Mur obsor!...

(Tinstama' t-tisfira tat-tren

Pawlu : U issa sejjer...Araħ qam minn fuq il-bank... It-tifel qed imexxieh...

(Jinstama ħoss ta' bastun itektek ma' l-art)

Marku : Dan, x'ħoss hu?

Pawlu : Il-bastun ta' dak ir-raġel... dak jurieh trieqtu... Għama'....Min kellu jgħidilna....li kien qed iħares fil-vojt....

Marku : Mar sa flaħħar...

Pawlu : Egħeb!... rikeb qabilna....

Porter: (Bogħod mill-Mike) Sinjuri....It-tren wasal... Nista' nerfgħalkom il-bagalji? Sinjuri, se toqgħodu tħarsu lejn xulxin? X'se tagħmlu? Tridu terġgħu titilfu t-tren... Dan, sejjer Milan u mhux se jdum wieqaf wisq... dal-waqt jitlaq....

(It-tre, issa jinstama fil-qrib, jiegħed jieqaf fl-istazzjon)

Hekku, sinjuri... wasal....

(It-tren jieqaf. Tinstama' tgegwiġija ta' nies nieżla mill-ferrovija, imbagħad wara ftit terġa' taqa' l-ħemda, ma jinstamax għajr l-istim tal-ferrovija. Tisfira b'sinjal li t-tren se jitlaq)

Imma, sinjuri...se tibqgħu hemm... Affarikom... Għamlu li tridu.....

Marku : Jien sejjer lura....

Maria : Jiena wkoll... Iva, lura lejn dari...

Marku : Inrodd dak li sraqt...Mill-ġdid ngħix fil-paci....

Maria : Lura għand John... nitolbu maħfra... jaħfirli....

Pawlu : U jien?....Jien mill-ġdid waħdi...Imma, aħjar hekk.. iva, aħjar hekk.....

Mużika qawwija.

F I N I S .